MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 127/2000/1

**Avviz Nru 127/00 DM**

**Ellcee Nautical Supplies Limited**

**vs**

**Angelic Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' erba mija u ghaxar lira Maltin (Lm410) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici il-ghaliex:

1 In lina preliminari l-konvenut jismu Angelic Mifsud u mhux Angelo Mifsud;
2 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, qatt ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridici bejn il-kontendenti u ghalhekk il-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din l-istanza;
3 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-merkanzija konsenjata lis-socjeta' Zachrome Limited, gia Power Centre Malta Limited rappresentata mill-eccippjient kienet (1) difettuza u (2) ma kienitx tal-kwalita pattwita.
4 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2002 fejn il-konvenut irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni preliminari.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi t-talba attrici tirrigwarda allegazzjoni ta' bejgh li sar bejn il-kumpanija attrici u l-konvenut personalment ta' xi merkanzija li l-prezz taghha kien ta' Lm410 (erba' mija u ghaxar liri Maltin).

Ghaldaqstant jispetta lill-istess kumpanija attrici, stante l-kontestazzjoni tal-konvenut, illi tipprova illi effettivament sar dan il-bejgh, illi l-merkanzija in kwistjoni giet ikkonsenjata w illi l-prezz baqa' ma thallasx.

Biex tasal ghal din il-prova l-kumpanija attrici pproduciet biss, anzi offriet biss id-deposizzjoni tad-direttur Lawrence Camilleri li bhala prova konklussiva ta' dak illi kien rikjest minnhu, stqar illi nfatti l-konvenut kien ikkonsenja cekk

ghall-ammont in kwistjoni mahrug mill-konvenut personalment u dan ic-cekk ma giex onorat mill-bank.

Billi l-konvenut ikkontesta wkoll l-allegazzjoni illi dan ic-cekk ma ssarrafx, anzi jikkontendi illi dan ic-cekk kien effettivament gie mssarraf wara xi diffikultajiet, kien jispetta lill-kumpanijia attrici illi tipproduci dan ic-cekk bhala prova ta' dak li qedgha tallega.

Izda l-kumpanija attrici ma pprezentat f'dawn l-atti ebda dokument u ghaldaqstant it-talba attrici ma tirrizultax ippruvata w il-Qorti tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu u tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Magt Dr D. Montebello BA LLD
S. Farrugia
Dep Reg Civ48